TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Nicholina Bugeja

vs

Petroni Ltd

CCT 85/17/MS

22 ta' Jannar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit-12 ta' Mejju 2017 fejn qed titlob il-hlas ta' tlett mitt Euro valur ta' tumble dryer li ittiehed ghand is-socjeta' intimata ghat-tiswija, liema tiswija suppost kellha tkun taht garanzija u ghalhekk minghajr hlas. It-tumble dryer ghadu fil-pussess tas-socjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti u filwaqt illi ammettew li t-tumble dryer kienet ghandhom ghat-tiswija, qalet li din kellha hafna hsara li ma kienx kollu kopert bil-garanzija.

Ra l-atti tal-process

Sema x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Jidher illi huwa pacificku bejn il-partijiet li s-socjeta' intimata accetat fil-workshops taghha tumble dryer tar-rikorrenti ghat-tiswija. Ir-rikorrenti tghid li t-tumble dryer kienet ilha ghandha xi sena u tlett xhur u ghandha hames snin garanzija. L-ilment jikkoncerna t-trabijiet jew fluff li johrog mill-filter, fejn qed jaghmel hsara lit-tumble dryer ghax m'ghandux fejn immur u ghalhekk cemplet lis-socjeta' intimata li gabbru t-tumble dryer u haduha lil workshops taghhom ghat-tiswija.
Edwin Petroni, ir-rappreżentant tas-socjeta' intimata jghid li meta mar ghand ir-rikorrenti, fetah it-tumble dryer u sab il-filter f'postu, pero' il-fluff kien qieghed wara l-filter, haga li kienet tindika li l-filter ma kienx qieghed f'postu meta t-tumble dryer intuza. Dana il-

ghaliex kieku l-filter kien f'postu, il-fluff ma kienx jispicca fuq in-naha ta' wara. Il-kwistjoni ma kentix sempliciment tindif u jerga jitqieghed il-flter f'postu il-ghaliex meta sar dan, saret aktar hsara u l-fluff qabad ma' radiator zghir, dahal go fih u kkawza aktar hsara. Kienet problema kbira biex jissewwa t-tumble dryer u Petroni ighid illi kien avza lir-rikorrenti li kienet ser tigiha gholja u kien lest illi jtiha l-labour b'xejn u parti mill-parts. Pero' l-kumplament kellha thallashom ir-rikorrenti. Il-hsara giet tiswa €240.00 plus vat u Petroni talabha thallas in-nofs, u cjoe €120.00. Ir-rikorrenti rrifjutat.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti ghandha l-obbligu illi tipprova almenu fuq bazi ta' probabbilta' illi t-tumble dryer mixtri minghand is-socjeta' intimata kienet effett minn diffett li minhabba fih ma kienx tajjeb ghall-uzu li kien intenzjonat. Tajjeb jew hazin ir-rikorrenti uzat dan it-tumble dryer minghajr problemi ghal sena u nofs, izda f'daqqa wahda dan beda jgemma' l-fluff wara l-filter biex ikkawza hsara lir-radiator u biex jissewwa giet spiza ta' mitejn u erbghin Euro. Edwin Petroni ghas-socjeta intimata ta l-unika raguni teknika il-ghala giet ikkawzata din il-hsara meta qal li f'xi drabi il-fliter seta' kien maqlugh minn postu biex il-fluff ingema' warajh u mhux quddiemu kif suppost. Ir-rikorrenti ma tat l-ebda spjegazzjoni ghaliex gara dak li gara u strahet biss fuq il-garanzija biex tiehu t-tiswija u l-parts b'xejn. It-Tribunal jifhem illi meta kummercjant jaghti garanzija dina tkun soggett ghall-uzu prudenti u ghaqli tal-oggett mixtri u jekk dan jigi abbuzat allura l-garanzija ma tibqax treggi. It-Tribunal jidhirlu illi l-versjoni moghtija minn Edwin Petroni hija wahda veritjera filwaqt illi dik tar-rikorrenti ma fiha l-ebda spjegazzjonijiet ta' xejn u ghalhekk ma tistax toqghod fuqha. Hija verament hasra li r-rikorrenti irrifjutat l-offerta ragonevoli li ghamlitilha s-socjeta intimata.

Ghal dawn ir-ragunijiet itTribunal jaqta u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**